MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru 755/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**ALFRED BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alfred Bugeja ta' 51 sena, bin Costantino u Helen nee' Vidal, mwieled Pieta' nhar it- 3 ta' Dicembru 1957, residenti Blokk A, flat no. 4, Triq il- Funtana, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 28557(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’ talli;

1) Gewwa l- Belt Valletta nhar il- Hamis it- 30 ta’ Lulju 2009 ghall- habta tal- 11.00am fi Triq il- Vant il- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ zewg basktijiet minn fuq il-persuna ta’ Beatrice Harfield ta’ 65 sena, liema basktijiet kienu jikkontjenu oggetti tad- deheb u oggetti ohra personali, liema serq huwa aggravat bil- valur li jeccedi l-€2,329.37 u bil- vjolenza u dan sar ghad- dannu tal-imsemmija Beatrice Harfield;

2) Talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta’ persuna ohra u cioe’ kkagunala feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal- imsemmija Beatrice Harfield hekk kif iccertifika t- tabib B. Flores M.D. tac- centru tas- sahha Floriana;

3) Talli gewwa l- Belt Valletta nhar it- 30 ta’ Lulju 2009 f’xi hin bejn is- 6.30am u l- 11.00am ikkommetta serq ta’ vettura bin- numru tar- registrazzjoni LAL-884 ta’ ghamla Austin Mini, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi l- €232.94 izda li ma jeccedix il- €2,329.37, bil-mezz u xorta tal- haga misruqa, liema serq sar ghad-detriment ta’ Joseph Anthony Cortis u/jew persuni ohra;

4) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara fl- imsemmija vettura LAL-884 tal- ghamla Austin Mini ghad- dannu tal- imsemmi Joseph Anthony Cortis u/jew persuni ohra, kif ukoll hsara fuq vettura CDA-915 tal- ghamla Peugot 306 ghad- dannu ta’ Raymond Farrugia u/ jew persuni, kif ukoll hsara fuq il- vettura LCL-143 tal- ghamla Ford Transit ghad- dannu ta’ Lewis Micallef Co. Ltd. u/ jew persuni ohra;

5) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi moghtija lilu mill- Pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal- Pulizija waqt li kienu jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl- istess dmirijiet billi ma halliex lill- membri tal- Korp tal- Pulizija jaghmlu dak li b’Ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix- xejn dak li l- membri tal- Korp tal- Pulizija bhala awtorita’ kienu ghamlu u dan ai termini tal- Artikolu 338(ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura LAL-884 ta’ ghamla Austin Mini b’sewqan eccessiv u b’manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

7) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta’ provizorja imposti mill- Qorti preseduta mill- Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fil- 15 ta’ Dicembru 2008, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija pesonali ta’ €15,000 kif ukoll kiser il- kundizzjonijeti tal- liberta’ provizorja imposti mill- Qorti preseduta mill- Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D fis- 6 ta’ Lulju 2009, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija personali ta’ €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill- istess Qorti u dan bi ksur tal- Artikolu 579 (2) tal- Ligijiet ta’ Malta;

8) Il- Qorti hija mitluba li tirrevoka l- helsien mill- arrest tal- imsemmi Alfred Bugeja u tordna l- arrest mill- gdid tal- imsemmi imputat kif ukoll tordna li s- somma ta’ €10,000 u s- somma ta’ €15,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il- Gvern ta’ Malta kif stipulat fl- Artikolu 579 (2) (3) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

9) Fl- ahharnett akkuzat ukoll talli kiser il- provediment ta’ sentenza ta’ tlett xhur prigunerija sospiza ghal sentejn moghtija lilu fil- 31 ta’ Jannar 2008 mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenza saret defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat ghazel minn jeddu li ma jkunx assistit minn avukat, minkejja li l-Qorti tatu zmien biex jahseb sew x’ried iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni hekk maghmula minnu;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, in vista tal-ammissjoni tal-imputat waqt l-istadju tal-ezami, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih biex taghti s-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 221, 279, 263, 271, 325, 338(ee), 579, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba (4), il-hames (5) u s- sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) snin prigunerija. Issib lill- imputat hati tas- seba

(7) u t- tmien (8) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah xaharejn prigunrerija filwaqt li ssibu hati tad- disa (9) akkuza u tordna dhul fis- sehh tas- sentenza sospiza ghal tlett (3) xhur, li b'kollox jammontaw ghal hames (5) snin u hames (5) xhur prigunerija.
Tordna r-riarrest mill-gdid tal-imputat fil-kawzi indikati fis-seba' imputazzjoni, izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-konfiska favur il-Gvern tal-ammonti moghtija bhala garanzija personali kif indikati fit-tmien imputazzjoni. Tordna ghalhekk li kopja ta' dawn il-proceduri jigu nseriti fil-processi relattivi kif indikati fis-seba' imputazzjoni.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------